Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Lulju 2016**
**(OR. en)**

**10793/16**

**ECOFIN 675**
**UEM 261**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva minn Spanja b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...**

**ta'…**

**li tistabbilixxi li ma ttieħdet ebda azzjoni effettiva minn Spanja b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 126 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits pubbliċi eċċessivi.

(2) Il-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettiv ta’ finanzi pubbliċi sodi bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli u b’saħħtu li jwassal għall-ħolqien tal-impjiegi. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97[1], li ġie adottat sabiex jiffavorixxi l-korrezzjoni fil-pront tad-defiċits pubbliċi eċċessivi.

(3) Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, iddeċieda fis-27 ta’ April 2009, f’konformità mal-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fi Spanja u ħareġ rakkomandazzjoni biex dan id-defiċit eċċessiv jiġi kkoreġut sa mhux aktar tard mill-2012, skont l-Artikolu 104(7) ta’ dak it-Trattat. Minn dak iż-żmien, il-Kunsill ħareġ tliet Rakkomandazzjonijiet ġodda lil Spanja (fit-2 ta’ Diċembru 2009, fl-10 ta’ Lulju 2012 u fil-21 ta’ Ġunju 2013) abbażi tal-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li estendew l-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2013, l-2014 u l-2016 rispettivament. F'kull waħda mit-tliet Rakkomandazzjonijiet il-Kunsill ikkunsidra li Spanja kienet ħadet azzjoni effettiva iżda li kienu ġraw avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija li kellhom konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi pubbliċi[2].

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6).

[2] Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv ta' Spanja jinsabu hawn: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/deficit/countries/spain_en.htm

(4) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill irrakkomanda li Spanja tilħaq mira ta' deficit nominali ta' 6,5 % tal-PDG fl-2013, 5,8 % tal-PDG fl-2014, 4,2 % tal-PDG fl-2015, u 2,8 % tal-PDG fl-2016, li kien konsistenti ma' titjib fil-bilanċ strutturali ta' 1,1 %, 0,8 %, 0,8 %, u 1,2 % tal-PDG fis-snin 2013-2016 rispettivament, abbażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa 2013 tal-Kummissjoni estiża sal-2016. Biex tikseb dan it-titjib, Spanja ntalbet timplimenta miżuri addizzjonali li jammontaw għal 2 %, 1 % u 1,5 % tal-PDG fl-2014, 2015 u 2016 rispettivament. Barra minn hekk, Spanja ntalbet (i) isaħħaħ l-effettività tal-qafas istituzzjonali billi żżid iktar it-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-Liġi dwar l-Istabbiltà Baġitarja kif ukoll billi tistabbilixxi kunsill fiskali indipendenti biex jipprovdi analiżi, konsulenza u monitoraġġ tal-konformità tal-politika fiskali mar-regoli fiskali nazzjonali u tal-Unjoni, (ii) tieħu passi konkreti biex trażżan iż-żieda fid-deficit strutturali fis-sistema tas-sigurtà soċjali, u (iii) tagħmel enfasi akbar biex il-konsolidazzjoni tkun tiffavorixxi t-tkabbir, inkluż billi twettaq reviżjonijiet sistematiċi tan-nefqa u tas-sistema tat-taxxa. Finalment, sabiex jiġi żgurat is-suċċess tal-istrateġija tal-konsolidazzjoni fiskali, ir-Rakkomandazzjoni enfasizzat ukoll li kien importanti li l-konsolidazzjoni fiskali tkun sostnuta minn riformi strutturali komprensivi, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill indirizzati lil Spanja fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi.

(5) Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2013 tal-Kummissjoni, estiża sal-2016, li fuqha kienet ibbażata r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013, l-ekonomija Spanjola kienet prevista li tiċkien b'1,5 % fl-2013 qabel ma tikber b'0,9 %, 1,4 % u 1,9 % rispettivament fit-tliet snin ta' wara. It-tkabbir fil-PDG nominali kien previst li jkun 0,1 % u 2,0 % fl-2013 u fl-2014 rispettivament, u 2,6 % u 3,2 % fis-sentejn ta' wara.

(6) Fir-Rakkomandazzjonijiet tiegħu tal-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill stabbilixxa l-1 ta' Ottubru 2013 bħala d-data ta' skadenza għall-adozzjoni ta' azzjoni effettiva f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. Fil-15 ta' Novembru 2013, fuq il-bażi tal-previżjoni tal-ħarifa 2013 tal-Kummissjoni , il-Kummissjoni kkonkludiet li Spanja kienet ħadet azzjoni effettiva biex tikkonforma ma' dik ir-Rakkomandazzjoni, għalkemm indikat li kien hemm riskji ta' nonkonformità fl-2014. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni kkunsidrat li ma kinux neċessarji passi ulterjuri fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv f'dak il-mument. Minn dak iż-żmien, il-proċedura ta' defiċit eċċessiv inżammet sospiża.

(7) Ir-riskji ta' nonkonformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 reġgħu ġew enfasizzati f'valutazzjonijiet sussegwenti. F'Lulju 2014, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri li jsostnu l-istrateġija baġitarja stipulata fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2014 kien jeħtieġ li jiġu speċifikati ulterjorment u li sforzi addizzjonali kienu meħtieġa biex ikun hemm konformità sħiħa ma' dik ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Abbażi tal-valutazzjoni tiegħu tal-Programm ta' Stabbiltà tal-2015, il-Kunsill ikkonkluda f'Lulju 2015 li kien hemm ir-riskju li Spanja ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Bl-istess mod, l-Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Abbozz tal-Pjanijiet Baġitarji ta' Spanja għall-2014, l-2015 u l-2016, kollha kkonkludew li Spanja kienet f'riskju li ma tikkonformax mar-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, il-Kummissjoni enfasizzat li kien hemm riskji marbuta mal-fatt li l-isforz strutturali fil-pjanijiet kien inqas minn dak irrakkomandat mill-Kunsill. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat riskji li l-miri tad-defiċit nominali ma jintlaħqux.

(8) Fid-9 ta' Marzu 2016, abbażi tal-previżjoni tax-xitwa 2016 tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien hemm riskju ta' nonkonformità mal-iskadenza biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv, fid-dawl tal-previżjoni li l-mira intermedja ta' defiċit nominali għall-2015 ta' 4,2 % tal-PDG setgħet tinqabeż b'mod sinifikanti u fid-dawl tal-fatt li l-isforz fiskali milħuq sa dak iż-żmien kien sew inqas minn dak li kien irrakkomandat. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni lil Spanja biex iżżid l-isforzi biex tiżgura l-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013. Għal dak il-fini, Spanja ġiet rakkomandata (i) biex tieħu miżuri li jiżguraw korrezzjoni f'waqtha u duratura tad-defiċit eċċessiv, inkluż bl-użu sħiħ kif xieraq tal-istrumenti preventivi u korrettivi stipulati fil-Liġi tal-Istabbiltà ta' Spanja biex jikkontrollaw l-iżvijar fil-livell governattiv subċentrali mill-miri rispettivi tad-defiċit, id-dejn u r-regoli dwar in-nefqa; u (ii) biex tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-miżuri b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-abbozz aġġornat tagħha tal-pjan baġitarju tal-2016 jew, l-aktar tard, f'sezzjoni dedikata tal-Programm ta' Stabbiltà 2016 tagħha li jmiss.

(9) Valutazzjoni ġdida tal-azzjoni meħuda minn Spanja biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sal-2016 b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin:

– Abbażi tad-data nnotifikata minn Spanja fir-rebbiegħa 2016 u validata mill-Kummissjoni (Eurostat) fil-21 ta' April 2016, id-defiċit pubbliku kien ta' 5,9 % tal-PDG fl-2014 u 5,1 % tal-PDG fl-2015, ogħla mill-miri intermedji stabbiliti mill-Kunsill ta' 5,8 % u 4,2 % tal-PDG rispettivament. Ir-riżultat tad-defiċit tal-2014 sofra minn reviżjoni 'l isfel tal-PDG nominali mwettqa fil-mument tat-tieni notifika tal-PDE f'Ottubru 2015 kif ukoll minn operazzjonijiet fis-settur finanzjarju li żiedu d-defiċit li ammontaw għal 0,1 % tal-PDG. Il-politika fiskali espansiva fl-2015 kellha impatt kbir fuq ir-riżultat fiskali.

– Fuq il-bażi tal-previżjoni tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni , il-bidla fil-bilanċ strutturali fl-2015 hija stmata għal -1,0 % tal-PDG, sinifikattivament inqas minn 0,8 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill. Il-bidla kumulattiva fil-bilanċ strutturali matul il-perjodu 2013–2015 ammontat għal 0,6 % tal-PDG, u b'hekk hija sinifikattivament anqas mill-isforz ta' 2,7 % tal-PDG irrakkomandat mill-Kunsill. Barra minn hekk, meta aġġustat għall-effetti tat-tkabbir rivedut potenzjali fil-produzzjoni u tad-dħul imprevist jew in-nuqqas fid-dħul meta mqabbel max-xenarju bażi li fuqu r-Rakkomandazzjoni hija bbażata, l-isforz strutturali jammonta għal -0,7 % tal-PDG fl-2015 u għal -0,2 % tal-PDG matul l-2013–2015, li huwa inqas sew mill-isforz rakkomandat. Meta mkejjel skont il-metodu minn isfel għal fuq, l-isforz fiskali jammonta -0,5 % tal-PDG fl-2015 u ma jidhirx li kien hemm xi sforz matul il-perjodu 2013–2015, bil-kontra għall-isforzi rakkomandati ta' 1 % u 3 % tal-PDG, rispettivament. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni, pereżempju fil-kuntest tar-riformi tal-amministrazzjoni pubblika u s-sistema tal-pensjonijiet, ma kinux biżżejjed biex jikkumpensaw għall-impatt ta' xi miżuri espansivi implimentati fl-2015, bħat-tnaqqis tat-taxxa fuq l-introjtu personali u korporattiv u ħlas lura parzjali tal-bonus tal-Milied li ma kienx ingħata preċedentiment.

– Matul l-2013–2015, l-inflazzjoni Spanjola (kif imkejla mid-deflatur tal-PDG) kienet sew inqas minn dik tax-xenarju makroekonomiku bażi li fuqu r-rakkomandazzjoni hija bbażata (li fil-fatt kienet negattiva fl-2014, -0,4 %), u b'hekk kien aktar diffiċli li jintlaħqu l-miri fiskali. Madankollu, l-impatt negattiv ta' inflazzjoni baxxa jew anki negattiva fuq ir-riżultati fiskali ta' Spanja kien fil-biċċa l-kbira kkumpensat mit-tkabbir reali tal-PDG ogħla milli mistenni, dovut ukoll għar-riformi li saru b'reazzjoni għall-kriżi u għall-kompletament b'suċċess tal-programm ta' assistenza finanzjarja. Minkejja evoluzzjoni inqas dinamika tad-deflatur tal-PDG, il-livell tal-PDG nominali fl-2015 kien biss ta' 1 % inqas milli previst fix-xenarju bażi, għar-raġuni li l-PDG reali kiber b'pass ħafna aktar mgħaġġel tul l-istess perjodu. Barra minn hekk, il-ħolqien veloċi tal-impjiegi u kompożizzjoni tat-tkabbir li ffavoriet dħul ogħla mit-taxxi kienu ta' benefiċċju ulterjuri għat-tnaqqis tad-defiċit.

– Kumplessivament, matul l-2014 u l-2015, kuntest ta' rati ta' interessi baxxi u rkupru ekonomiku aktar b'saħħtu milli mistenni, anki grazzi għar-riformi li saru b'reazzjoni għall-kriżi, il-kompletament b'suċċess tal-programm ta' assistenza finanzjarja u l-iżviluppi favorevoli fis-suq tax-xogħol, għenu lil Spanja biex tnaqqas id-defiċit pubbliku tagħha. Fl-istess ħin, il-proċess ta' konsolidazzjoni fiskali kien imxekkel minn inflazzjoni negattiva mhux mistennija meta mqabbla max-xenarju makroekonomiku li fuqu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 hija bbażata. Madankollu, il-qligħ mhux mistenni, speċjalment fl-2015, ma ntużax biex jitħaffef it-tnaqqis tad-defiċit. Minflok, il-politika fiskali saret inqas rigoruża, b'mod partikolari permezz tar-riforma tat-taxxa u tkabbir dinamiku tan-nefqa.

(10) Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, id-defiċit pubbliku huwa previst li jkun 3,9 % tal-PDG fl-2016 u 3,1 % tal-PDG fl-2017. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 għandu fil-mira defiċit ta' 3,6 % u 2,9 % tal-PDG fl-2016 u l-2017 rispettivament. Għalhekk Spanja ma tidhirx li se tkun tista' tikseb korrezzjoni f'waqtha u duratura tad-defiċit eċċessiv tagħha fl-2016. Il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas bi ftit minn 99,3 % fl-2014 għal 99,2 % fl-2015, bis-saħħa ta' bejgħ nett ta' assi finanzjarji li aktar milli kkumpensa għall-impatt tat-tkabbir tad-defiċit b'rata aktar mgħaġġla mit-tkabbir tal-PDG nominali. Skont il-previżjoni tar-rebbiegħa 2016 tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn huwa mistenni li jerġa' jiżdied għal 100,3 % fl-2016 u li jonqos wara dan.

(11) Mill-2012, Spanja saħħet il-qafas fiskali sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu evitati devjazzjonijiet u tiġi żgurata l-konformità mil-livelli kollha tal-gvern mal-miri rispettivi tagħhom għad-defiċit, id-dejn u r-regoli dwar in-nefqa. Mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju tal-2013, Spanja saħħet ulterjornament il-qafas fiskali domestiku tagħha, billi emendat il-Liġi ta' Stabbiltà tal-2012 biex tipprovdi inċentivi biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jnaqqsu l-arretrati tas-settur pubbliku lill-forrnituri kummerċjali u billi ħolqot f'Novembru 2013 istituzzjoni fiskali indipendenti (AIReF). Madankollu, filwaqt li l-Liġi ta' Stabbiltà ta' Spanja tinkludi strumenti li jipprevjenu u jikkoreġu d-devjazzjonijiet mill-miri fiskali nazzjonali, l-esperjenza matul l-2014 u l-2015 turi li dawn setgħu ntużaw b'mod aktar estiż. Wara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2016, il-gvern Spanjol beda jinforza d-dispożizzjonijiet korrettivi fil-Liġi ta' Stabbiltà fuq il-gvern reġjonali li ma kinux implimentati qabel. Barra dan, il-Gvern Ċentrali adotta riduzzjonijiet fin-nefqa li jammontaw għal EUR 2 biljuni.

(12) F'Diċembru 2013, Spanja adottat riforma li rrevediet l-indiċjar tal-pensjonijiet u introduċiet mill-2019 aġġustament awtomatiku tal-pensjonijiet ġodda tal-pensjonanti futuri sabiex jitqiesu l-bidliet fl-istennija tal-ħajja. Barra minn hekk, minn Ġunju 2013, bdiet timplimentata riforma tal-amministrazzjoni pubblika, bil-ħsieb li tikseb żidiet fl-effiċjenza. Fl-istess ħin, fl-2014 Spanja adottat riforma tat-taxxa fuq l-introjtu personali u korporattiv, li kellha xi karatteristiċi pożittivi, pereżempju ir-riduzzjoni tal-pressjoni fiskali, iżda li ma kinitx iffinanzjata għalkollox.

(13) Dan iwassal għall-konklużjoni li r-reazzjoni ta' Spanja għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013 ma kinitx suffiċjenti. Spanja ma laħqitx il-mira intermedja tad-defiċit nominali fl-2015 u mhuwiex previst li se telimina d-defiċit eċċessiv tagħha sal-2016. L-isforz fiskali huwa sostanzjalment inqas minn dak li kien ġie rrakkomandat mill-Kunsill, u l-pożizzjoni fiskali kienet espansiva fl-2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Spanja ma ħaditx azzjoni effettiva b'rispons għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*